10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 1**

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2024**

Il-laqgħa numru 1 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sa Roberta Sultana

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Darren Grech

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Stephen Sultana bħala l-aktar kunsillier anjzan ippresjeda l-laqgħa.

**1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

F'din il-laqgħa ma' kienx hemm ittri t'apoloġija.

**2 Aċċettazzjoni tal-ħatra tas-Sindku**

Is-Sur Sultana saqsa lis-Sur Gianluca Falzon hekk hux ser jaċċetta l-ħatra tas-Sindku ta' Santa Venera. Is-Sur Falzon ikkonferma dan.

**3 Aċċettazzjoni tal-ħatra tal- Viċi Sindku**

Is-Sur Falzon, bħala Sindku saqsa lis-Sur Stephen Sultana, hekk hux ser jaċċetta l-ħatra Viċi Sindku ta' Santa Venera. Is-Sur Sultana ikkonferma dan.

**4 Ħatra tad-Dekasteri**

Is-Sur Falzon, bħala Sindku indika d-dekasteri lil-Kunsilliera. Dawn huma:

**Gianluca Falzon (Sindku)**
L-Indafa
L-Infrastruttura
Proġetti

**Karl Carabott (Minority Leader)**
L-Ambjent
L-Edukazzjoni

**Stephen Sultana (Viċi Sindku)**
Komunitajiet
L-Innovazzjoni

**Joe Vella**
Il-Kultura
L-Integrazzjoni Soċjali

**Darren Grech**
Il-Qasam Soċjali
Iż-Żgħażagħ u Tfal

**Roberta Adriana Sultana**
Il-Ħarsien tal-Annimali
Sport u Attivitajiet Fiżiċi

**Silvio Vella**
L-Anzjani

Is-Sur Sultana saqsa għal xiex kien qed jirreferi is-Sindku meta jgħid Komunitajiet peress li dan kien dekasteru ġdid. Saqsa ukoll x'kien il-budget allokat għal innovazzjoni.

Is-Sur Falzon wieġeb li f'din il-leġislatura jixtieq li jkun hemm ftit dekasteri li jżommu ma' dak li titlob il-liġi imma b'aktar ħidma bejn dekasteru u ieħor, peress li ħafna mill-ħidma tkopri dekasteri diversi li jaħdmu flimkien.

Id-Dekasteru tal-Komunitajiet għandu jinkludi imma mhux biss
- Tisbiħ tal-housing
- Tinkludi firxa wiesa ta' nies minn oqsma differenti
- Komunitajiet differenti u
- Għaqdiet
- Għaldaqstant dan id-dekasteru ser imiss ma' ħafna dekasteri.

Fuq l-Innovazzjoni s'issa għadu ma ġiex allokat budget fiss. L-innovazzjoni hija xi ħaġa kurrenti u għalhekk l-aħjar li nimxu skond il-bżonn tal-lokalita' bħalma sar fi żmien il-Pandemija Covid 19.

Is-Sur Silvio Vella qal li l-aqwa li dak li jiġi deċiż fuq il-mejda tal-Kunsill isir mhux jinbdel jew jiġi blukkat.

**5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fil-18.15 u ġiet aġġornata għat-Tnejn 8 ta' Lulju 2024 fil-17.30

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| Gianluca Falzon | Tiffany Abela |
| Sindku | Agent Segretarju Eżekuttiv |